**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 6 ta' Diċembru, 2023

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**-vs-**
**Jane Chircop detentriċi tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 0466464M f'ismha proprja kif ukoll f'isem u in rappreżentanza ta' Sapphire Real Estate Group of Companies Limited (C84276) u dan fil-kapaċità tagħha ta' Uffiċjal u/jew Direttur u/jew Azzjonist u/jew Rappreżentant Legali;**

**Sapphire Real Estate Group of Companies (C84276);**

*Kumpilazzjoni Nru. 677/2022*

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputati **Jane Chircop** u **Sapphire Real Estate Group of Companies (C84276)** u ċioè talli:

F'ismha proprja u/jew f'isem u in rappreżentanza ta' Sapphire Real Estate Group of Companies Limited (C84276) u dan fil-kapaċità tagħha ta' Direttur u/jew Azzjonist u/jew Rappreżentant Legali u/jew f'isem Sapphire Real Estate Group of Companies Limited (C84276) bħala persuna legali talli f'dawn il-Gżejjer, bejn l-ewwel (1) ta' Jannar tas-sena elfejn u sbatax (2017) sal-wieħed u tletin (31) ta' Diċembru tas-sena elfejn u tmintax (2018) b'diversi atti magħmulin minnha, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-Liġi u ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. Talli għamlu atti ta *money laundering* billi:

i. Ikkonvertew jew ittrasferew propjetà meta kienu jafu jew jissusspettaw li dik il-proprjetà kienet direttament jew indirettament inkisbet minn, jew mir-rikavat ta' attività kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attività kriminali, għall-iskop ta' jew skopijiet ta' ħabi jew wiri ħaġa b'oħra tal-oriġini tal-proprjetà jew ta' għoti ta' għajnuna lil xi persuna jew persuni involuti jew konċernati f'attività kriminali;

ii. Ħbew jew wrew ħaġa b'oħra tal-veri xorta, provvenjenza, lok, dispożizzjoni, moviment ta' jeddijiet rigward, fi jew fuq proprjetà, meta kienu jafu jew jissusspettaw li dik il-proprjetà tkun inkisbet direttament jew indirettament minn attività kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attività kriminali;

iii. Akkwistaw, kellhom fil-pussess tagħhom, jew użaw proprjetà meta kienu jafu jew jissusspettaw li l-istess proprjetà kienet inkisbet jew oriġinat direttament jew indirettament minn attività kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attività kriminali;

iv. Irritornaw mingħajr skuża raġonevoli proprjetà meta kienu jafu jew jissusspettaw li l-istess proprjetà inkisbet jew oriġinat direttament jew indirettament minn attività kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attività kriminali;

v. Ittentaw jagħmlu ta' xi ħwejjeġ jew attivitajiet definiti fis-sub-paragrafi (i), (ii), (iii) u (iv) hawn fuq imsemmija, u dan fit-tifsir tal-artikolu 41 tal-Kodiċi Kriminali;

vi. Aġixxew bħala kompliċi fit-tifsir tal-artikolu 42 tal-Kodiċi Kriminali rigward xi waħda mill-ħwejjeġ jew attivitajiet definiti fis-sub paragrafi (i), (ii), (iii), (iv) u (v) hawn fuq imsemmija.

2. Talli fl-istess dati, lok u ċirkostanzi, talli approprijaw ruħhom, billi dawwru bi profitt għalihom jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor li kienet ġiet fdata jew ikkunsinnata lilhom taħt titolu li jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat u

ċioe' s-somma ta' aktar minn ħamest elef euro (€5,000) għad-detriment ta' **Paolo Colombani** u/jew persuni oħrajn liema somma ġiet ikkunsinnata lilhom minħabba l-professjoni, industrija, kummerċ, amministrazzjoni, kariga jew servizz tiegħek, jew minħabba depożitu neċessarju;

U dan bi ksur tal-Artikoli 2 u 3 tal-Att kontra l-Money Laundering, Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 18 u 121D tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 13 tal-Kapitolu 249 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex tordna 'Ordni ta' Qbid u Iffriżar' u tissekwestra u/jew iżżomm f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali l-flejjes u l-propjetà mobbli jew immobbli kollha li jkunu dovuti lil jew ikunu jappartjenu jew li jmissu lill-imputat jew huma propjetà tagħhom, kif ukoll sabiex il-Qorti tipprojbixxi lill-imputat milli tittrasferixxi, twiegħed, tipoteka jew tbiddel jew tiddisponi minn kwalunkwe proprjetà immobbli jew mobbli li tkun proprjetà ta' jew inkella miżmuma minnha *ai termini* tal-Artikolu 5 tal-Att Kontra *Money Laundering*, Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta; tal-Artikolu 23A tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikolu 36 tal-Att dwar ir-Rikavat tal-Kriminalità, Kap. 621 tal-Liġijiet ta' Malta.

Din l-Onorabbli Qorti hija ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija jew ħtijiet, barra milli tinfliġġi l-pieni stabbiliti fil-Liġi u b'żieda mal-imsemmija piena, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oġġetti kollha esibiti, tal-*corpus delicti* u l-istrumenti li servew jew li kien maħsub li jservu sabiex isir id-delitt, u ta' kull ma jkun ġie miksub bid-delitt, kif ukoll tordna il-konfiska favur il-Gvern tar-rikavat li jiġi mir-reat jew ta' dik il-propjetà li l-valur tagħha jkun jikkorrispondi għall-valur ta' dak ir-rikavat kif ukoll tal-proprjetà kollha tal-imputat fit-termini tal-artikolu 3(5) tal-Kap. 373 kif ukoll artikoli 23 u 23B tal-Kodiċi Kriminali u l-Att dwar ir-Rikavat Kriminali, Kap. 621 tal-Liġijiet ta' Malta.

Din l-Onorabbli Qorti hija ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużati għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Din l-Onorabbli Qorti hija ġentilment mitluba sabiex f'każ ta ħtija tapplika id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 28H *et seq*, tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, għar-rigward illi l-ħati jħallas id-danni *ai termini* tal-istess Artikolu 28H *et seq*, tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat l-Ordni tal-31 ta' Mejju, 2023, mogħti mill-Avukat Ġenerali ai termini tas-subartikolu (2A)(b)(c) tal-Artikolu 3 tal-*Att kontra l-Money Laundering*, Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex dan il-każ jiġi trattat u deċiż quddiem din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;[1]

Rat in-nota ta' l-Avukat Ġenerali tal-31 ta' Mejju, 2023,[2] permezz ta' liema bagħtet lill-imputati biex jiġu ġġudikati minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kif maħsub fis-segwenti artikoli:

(i) Fl-artikoli 17, 18, 23, 23A, 23B, 23Ċ, 31, 121D, 383, 384, 385, 533 u 532A tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
(ii) Fl-artikoli 13 tal-Att dwar l-Interpretazzjoni, Kapitolu 249 tal-Liġijiet ta' Malta;
(iii) Fl-artikoli 293, 294 u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li fl-istess seduta, l-imputati taw il-kunsens tagħhom biex il-każ jinstema w jiġi ġudikat minn din l-Qorti;[3]

Rat li waqt l-udjenza tat-3 t'Ottubru, 2023[4], l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tagħhom.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 370(6) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kodiċi, u cioe` wara li l-imputati wieġbu ħatja għall-imputazzjonijiet li ammettew għalihom, din il-Qorti wissiethom b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba w ngħataw żmien xieraq sabiex jekk riedu setgħu jerġgħu lura minnha.

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat,

[1] Fol.1253-1255
[2] Ibid.
[3] Fol.1258
[4] *Ibid.*

Illi fl-ewwel lok jingħad li fir-rapport tal-ARB u senjatament fit-Tabella 2.1 tas-Sezzjoni A m'għandu jkun hemm l-ebda dubbju li l-isem ta' "Mario Degiorgio" hu sempliċi *lapsus calami* ossia *lapsus computeri*.[5]

Illi l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tagħhom u għaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja w inkondizjonata tagħhom, il-Qorti tiddikjara li m'għandhiex triq oħra salv li ssib lill-imputati ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħhom kif minnhom ammessi.

Il-Qorti tosserva li l-pagamenti li saru mill-parte civile Paolo Colombani kienu ġew versati fil-kont ġestit minn Chircop għan-nom ta' Sapphire Real Estate Group of Companies. Fil-fatt dawn daħħlu fil-kont imsemmi fil-15 ta Frar 2017[6] u s-27 ta' Marzu 2017[7]. Elfejn ewro (€2,000) oħra kienu ġew mħallsa bħala pagament inizjali nhar is-6 ta' Frar 2017. [8]

B'hekk m'hemmx dubbju li l-imputata, li kellha rappreżentanza tas-soċjetà msemmija kif kontemplat bl-Artikolu 121D tal-Kodiċi Kriminali, wettqet reati esklussivament a benefiċċju ta' din is-soċjetà kummerċjali. Kienet din is-soċjetà li għamlet qliegħ ta' xejn anqas minn mija wieħed u erbgħin elf u sitt mitt Ewro (€141,600) għad-detriment ta' Colombani li lilu tħallas lura biss l-ammont ta' ta' tnejn u tletin elf u tlett mitt Ewro ( €32,300).

Għalhekk l-ammont li llum għadu dovut mill-imputati lil Paolo Colombani hu dak ta' elf u disa' mija u tlett mitt ewro (€109,300).

Illi l-artikolu 3(4) tal-Att kontra Money Laundering jipprovdi:

> (4) Fejn ikun stabbilit illi sar reat ta' money laundering taħt dan l-Att minn uffiċjal ta' korp ġuridiku kif imsemmi fl-artikolu121D tal-Kodiċi Kriminali jew minn persuna li għandha s-setgħa ta' rappreżentanza jew li għandha dik l-awtorità kif imsemmi f'dak l-artikolu u r-reat sar għall-benefiċċju, f'parti minnu jew fl-intier tiegħu, ta' dak il-korp ġuridiku, l-imsemmija persuna għall-finijiet ta' dan l-Att għandha titqies li għandha r-rappreżentanza legali tal-istess korp ġuridiku li jeħel il-piena stabbilita fis-subartikolu (1): .....

L-imputata kellha rappreżentanza kif kontemplat b'dan is-sub artikolu.[9]

[5] Fol.800
[6] Dok. WB7 a fol.26
[7] Dok. WB7 a fol.27
[8] Dok.WB4 a fol.21
[9] Dok.MBR a fol.85 et seq.

**PIENA**

Il-Qorti ħadet konsiderazzjoni tal-ammont tar-rikavat approprijat indebitament mill-imputata esklussivament a beneficċju ta' Sapphire Real Estate Group of Companies (C84276) kien dak ta' mija wieħed u erbgħin elf u sitt mitt Ewro (€141,600).

Ittieħed ukoll kont tal-fatt li l-uffiċjal prosekutur semma kif l-imputata ikkowoperat mal-pulizija fil-kors tal-investigazzjoni. Iddeskriva li ammettiet li l-għemil kriminuz tagħha kien dovut għall-isfortuna li ġarrbet minħabba mard sever fejn, per konsegwenza, sofra n-negozju ġestit minnha u minn bintha.

Il-Qorti tifhem id-diffikultajiet li setgħet ġiet kostretta tiffaċċja l-imputata, iżda l-fatt li bniedem iġġarrab il-mard, bħal kull forma ta' isfortuna oħra, ma jagħtihx liċenzja li jgħaddi lil ħaddieħor minn miżerja u saħansitra li jivvitimmizah permezz ta' reati li jwettaq a detriment tiegħu!

Ġie ikkunsidrat ukoll li l-imputata għandha fedina penali netta. Ingħata piż lill-*Pre-Sentencing Report* mniedi dwarha fejn ġie rakkomandat li l-parte civile għandu jithallas entro it-terminu stipulat bl-artikolu 28H tal-Kodiċi Kriminali, filwaqt li l-imputata għandha tingħata sentenza sospiża in vista tal-fatt li din hi l-ewwel darba li messet mal-Qrati Kriminali.

Finalment dan kien każ ta' *self-laundering* u dan il-fatt qed jiġi rifless fl-ikalibrar tal-piena.

**DECIDE**

Għal dawn il-motivi il-Qorti:

Fil-konfront ta' **Jane Chircop,** wara li rat l-Artikolu 3 tal-Att Kontra *Money Laundering,* Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Artikolu 13 tal-Att dwar l-Interpretazzjoni, Kapitolu 249 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikoli 17, 18, 31, 121D, 293, 294 u 310(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta; u

Fil-konfront ta' **Sapphire Real Estate Group of Companies (C84276),** wara li rat l-Artikolu 3 tal-Att Kontra *Money Laundering,* Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Artikolu 13 tal-Att dwar l-Interpretazzjoni, Kapitolu 249 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikoli 17, 18, 31, 121D, 293, 294 u 310(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta,

issib lill-imputati ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tagħhom u tikkundannahom għas-segwenti piena:

Fil-konfront ta' **Jane Chircop** tikkundannaha għal piena ta' **sentejn (2) priġunerija** li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qed jiġu sospiżi għal żmien erba' (4) snin mil-lum;

Fil-konfront ta' **Sapphire Real Estate Group of Companies (C84276)** qed tikkundannaha għal ħlas ta' *multa* ta' **għoxrin elf Ewro (€20,000)** li għandha titħallas b'rati mensili ghal perjodu massimu stabbilit mill-Liġi.

Inoltrè a tenur tal-Artikolu 28H tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna lill-imputati jassiguraw li fi żmien sitt (6) xhur mil-lum Paolo Colombani jiġi restitwit minnhom l-ammont ta' elf u disa' mija u tlett mitt ewro (€109,300) mis-soċjetà **Sapphire Real Estate Group of Companies (C84276).**

In vista li qed issir ordni li r-rikavat tar-reat sottostanti jiġi restitwit lil parte civile, mhux ser issir ordni għall-konfiska tar-rikavat favur il-Gvern ta' Malta.

Ai termini tal-artikolu 28A(4) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-ħatja bi kliem ċar ir-responsabiltà tagħhom taħt l-Artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali jekk jikkommettu matul il-perijodu operattiv reat li għalih hemm piena ta' priġunerija jew jekk ma jsegwux id-direttiva fuqhom imposta a tenur tal-Artikolu 28H tal-Kodiċi Kriminali u dan in segwitu għal dak kontemplat bl-artikolu 28H(8) tal-Kodiċi Kriminali.

Tordna l-**konfiska** favur il-Gvern ta' Malta tal-propjetà mobbli w immobbli kollha ta' l-imputati, kif stipulat fl-Artikolu 22(3A)(b)(d)(7) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta kif reż applikabbli bl-Artikolu 3(7) tal- tal-Att kontra l-Money Laundering, Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta.[10]

Finalment tordna li din is-sentenza tiġi notifikata lill-Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Maġistrat**

---

[10] Vide **Il-Pulizija vs Doris (Maria Dolores) Borg**, Per Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D., Deċiża 26 ta' Novembru 2021 Appell Nru: 178/2018. Vide ukoll **Il-Pulizija vs Brian Buttigieg et**; Per Onor. Imħallef Dr. Aaron Bugeja, Deċiża 25 ta' Frar, 2020; Appell Nru. 276 tal-2017.